# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 206/2021JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MB, datat 24 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kienet izzewget lil CB nhar l-ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (20/09/2001) u dan kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied, A li llum ghandu X sena u B li llum ghandha Y il-sena;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (27/08/2014)(Dok B anness);*

4. *Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-komparenti Ragel kien irrinunzja mid-dritt tieghu li jitlob manteniment minghand martu, filwaqt li r-rikorrenti kienet iddekadiet mid-dritt taghha li titlob l-istess;*

5. *Illi ser jirrizulta li m'hemm ebda pendenzi ta' manteniment fir-rigward tal-ulied, u dan stante li r-rikorrenti hallset l-istess bil-quddiem billi hadet sehem inqas mill-komunjoni tal-akkwisti;*

6. *Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:***

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

.

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ppresentat ebda risposta u lanqas ma deher ghas-seduti mhejjija. Ghaldaqstant huwa kontumaci (vide fol 20);

Rat il-fakolta' moghtija lill-intimat sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MB xehdet** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti izzewwgu l-20 ta' Settembru 2001 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jghixu ma missierhom. Sostniet illi l-kontendenti ilhom separati minn nhar is-27 ta' Awwissu 2014 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono. Sostniet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li llum jghixu hajja separata minn xulxin. Di piu' ddikjara li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Settembru 2001, liema zwieg jgib certifikat numru 1591/2001 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat is-27 ta' Awwissu 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti rat illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimat.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1591/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**